FL-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

Seduta ppresjeduta mic-Chairman l-Imhallef Michael Mallia, l-Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino, u l-Imhallef Abigail Lofaro.

Seduta miżmuma llum **it-Tnejn 14 ta' Dicembru, 2020** fid-09:30pm fit-tieni sular, Awla 20, il-Qorti.

Meta ssejħet l-inkjesta dehru Dr. Therese Comodini Cachia u Dr. Jason Azzopardi ghall-familja.

Deher l-Avukat tal-Istat Dr. Chris Soler.

Deher Dr. Peter Caruana Galiza.

Dehru l-familja ta' Daphne Caruana Galizia.

**Keith Schembri** xehed bil-Malti u bil-gurament fil-prezenza tal-avukati Dr. Edward Gatt u Dr. Mark Vassallo li prezenta zewg dokumenti ta' Schillings Dok. KS1 u Dok. KS2.

Dr. Therese Comodini Cachia pprezenta dokument li gie mmarkat bhala Dok. TCC1 u Source of Funds/Wealth Declaration Form Dok. TCC2.

It-testimonjanza ta' Keith Schembri giet sospiza.

Tkompli x-xhieda ta' **Keith Schembri** bil-Malti u bil-gurament fil-prezenza tal-avukati Dr. Edward Gatt u Dr. Mark Vassallo li prezenta ittra Dok. KS3, affidavit Dok. KS4.

It-testimonjanza ta' Keith Schembri giet sospiza.

Il-Bord jordna li titkompla x-xhieda ta' Keith Schembri bil-maghluq.

Tkompli x-xhieda bil-maghluq ta' **Keith Schembri** bil-Malti u bil-gurament fil-prezenza tal-avukati Dr. Edward Gatt u Dr. Mark Vassallo.

F'dan l-istadju tkompliet x-xhieda bil-miftuh ta' **Keith Schembri** bil-Malti u bil-gurament fil-prezenza tal-avukati Dr. Edward Gatt u Dr. Mark Vassallo li prezenta links ta' artikli Dok. KS5 u stqarrija tal-Enemalta Dok. KS6.

Dr. Jason Azzopardi pprezenta 2 artikli Dok. JA1.

Fl-gheluq ta' din is-seduta Dr. Therese Comodini Cachia ghan-nom tal-familja talbet illi tinaghta opportunita' sabiex taghmel sottomissjonijiet dwar l-analizi tax-xhieda fil-konfront tat-termini tar-referenza kif ukoll sottomissjonijiet ta' ricerka li twassal ghall-proposti kif indikat f'wahda mit-terms of reference ta' dan il-bord.

Dr. Chris Soler bhala Avukat tal-Istat jirrileva illi ma hemmx avversarjeta' f'dawn il-proceduri u quindi mhux il-kaz li jsiru noti ta' sottomissjonijiet u l-Bord ghandu jghaddi ghall-konkluzjoni tieghu.

Il-Bord wara li sema' s-sottomissjonijiet, jilqa' t-talba tal-familja Caruana Galizia sabiex isiru s-sottomissjonijiet ghall-gheluq ta' din l-inkjesta.

Il-Bord ghalhekk qieghed jiddiferixxi l-inkjesta ghall-aktar informazzjoni ghad-29 ta' Jannar 2021 fid-09:30am.

Il-Bord ta digriet.

Margaret De Battista
Deputat Registratur